# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.27

## ĦTIĠIET DWAR *STANDARDS* U PRATTIKA DWAR IL-PREZZ TA' TELEFONATI U *SMS'S* FIL-MEZZI TAX-XANDIR

3 ta' Ġunju, 2008

*IN-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 484 ta' l-2008.*

It-titolu ta' dawn l-ħtiġiet huwa Ħtiġiet dwar *Standards* u Prattika dwar il-Prezz ta' Telefonati u *SMS's* fil-Mezzi tax-Xandir. Titolu.

**1.** Introduzzjoni

1.1 Dawn il-Ħtiġiet dwar *Standards* u Prattika dwar il-Prezz ta' Telefonati u *SMS's* fil-Mezzi tax-Xandir saru bis-saħħa ta' l-artikolu 20(3) ta' l-Att dwar ix-Xandir, Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Il-Prezz tat-Telefonata u ta' *SMS* għandu jixxandar

2.1 Meta l-prezz tat-telefonata jew ta' l-*SMS* ikun ogħla mit-tariffa normali pubblikata, ix-xandar għandu jinforma lit-telespettatur u lis-semmiegħ, skond il-każ, kemm huwa l-prezz ta' dik it-telefonata jew *SMS*.

2.2 Jekk xi parti mill-ħlas tat-telefonata jew ta' l-*SMS*, skond il-każ, ser tingħata għal xi kawża li minnha mhux ser isir qligħ, din il-parti trid tkun ukoll speċifikata.

2.3 Fil-każ ta' programm televiżiv, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2.1 and 2.2 għandha tingħata permezz ta' *caption* li għandha tikkonforma mal-Ħtiġiet dwar *Standards* u Prattika dwar Sottotitli u Titli Oħrajn fil-Programmi Televiżivi.

2.4 Dawn il-ħtiġiet japplikaw għal kull programm imxandar fuq ir-radju u t-televiżjoni.

**3.** Rispett għall-privatezza tal-persuna li ċċempel waqt telefonati.

3.1 Il-preżentaturi tar-radju u tat-televiżjoni għandhom joqogħdu attenti meta jitkellmu ma' persuni fuq it-telefon waqt programmi tar-radju u tat-televiżjoni sabiex jiżguraw illi ma jkun hemm l-ebda invażjoni eċċessiva tal-privatezza tal-persuna li ċċempel.

3.2 B'mod partikolari, il-preżentaturi tar-radju u tat-televiżjoni għandhom jevitaw isaqsu mistoqsijiet li għalkemm mad-daqqa t'għajn jidhru innokwi xorta jikkostitwixxu ksur tal-privatezza ta' xi ħadd bħal meta jistaqsu lill-persuna li ċċempel jekk tkunx qed tgħix waħedha jew ma' persuna oħra.